

I

(Atti leġiżlattivi)

DIRETTIVI

DIRETTIVA 2011/87/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Novembru 2011

li temenda d-Direttiva 2000/25/KE għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-istadji tal-emissjonijiet għal tratturi b'karreġġjata dejqa

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazżjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2000/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2000 dwar l-azzjoni li għandha tittieħed kontra l-emissjonijiet ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni għat-tmexxija intenzjonati biex iħaddmu tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija ⁽³⁾ tirregola l-emissjonijiet tal-egżost minn magni installati fit-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija, bil-ħsieb li aktar jisalvagwardjaw is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Id-Direttiva 2000/25/KE pprovdi li l-limiti tal-emissjonijiet applikabbli fl-2010 għall-approvazzjoni tat-tip tal-maġġoranza tal-magni bit-tqabbid bil-kompressjoni, imsejħa limiti tal- Istadju III A, kellhom jiġu sostitwiti bil-limiti aktar stretti tal-Istadju III B, li jidħlu fis-seħħ b'mod gradwali mill-1 ta' Jannar 2010 fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip, u mill-1 ta' Jannar 2011 fir-rigward tat-tqegħid fis-suq, għal dawk il-magni. L-Istadju IV, li jipprevedi limiti tal-emissjonijiet aktar stretti mill-Istadju III B, ser jidħlu fis-seħħ b'mod gradwali mill-1 ta' Jannar 2013 fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip għal dawk il-magni u mill-1 ta' Jannar 2014 fir-rigward tat-tqegħid fis-suq.
- (2) Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2004/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li temenda

d-Direttiva 97/68/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjoni ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq ⁽⁴⁾ jipprovdi li l-Kummissjoni tikkonsidra t-teknoloġija disponibbli, inklużi l-benefiċċji mqabbla mal-ispiża, bil-għan li tikkonferma valuri tal-limiti tal-Istadju III B u IV u l-evalwazzjoni tal-ħtieġa possibbli għal flessibilità addizzjonali, eżenzjonijiet jew dati ta' introduzzjoni aktar tard għal ċerti tipi ta' apparat jew magni waqt li tittieħed konsiderazzjoni ta' magni installati fil-makkinarju mobbli mhux tat-triq użati f'apparati staġjonali. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(8) tad-Direttiva 2000/25/KE jipprovdi għal klawżola ta' reviżjoni sabiex jitqiesu l-ispeċifitajiet tat-tratturi fil-kategoriji T2, T4.1 u C.2.

- (3) Id-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ kienet is-suġġett ta' studji tekniċi diversi. Bħala riżultat ta' dawk l-istudji tekniċi li twettqu fl-2007, fl-2009 u fl-2010 u kkonfermat mill-valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni, kien ġie stabbilit li mhux teknikament vijabbli għat-tratturi tal-kategoriji T2, T4.1 u C2 biex jilhqqu l-ħtiġijiet tal-Istadji III B u IV sad-dati previsti f'dik id-Direttiva.
- (4) Sabiex jiġi evitat li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni stipula ħtiġijiet tekniċi li għadhom ma jistgħux jiġu milħuqa u sabiex tiġi evitata sitwazzjoni li fiha t-tratturi tal-kategoriji T2, T4.1 u C2 ma jkunux jistgħu jiksbu aktar l-approvazzjoni tat-tip u jitqiegħdu fis-suq jew fis-servizz, hu meħtieġ li jiġi previst perjodu tranżitorju ta' tliet snin, li fih tratturi tal-kategoriji T2, T4.1 u C2 ikunu xorta jistgħu jiksbu l-approvazzjoni tat-tip u jitqiegħdu fis-suq jew fis-servizz.
- (5) Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-progress fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi għal teknoloġiji konformi mal-Istadju IV.

⁽¹⁾ ĠU C 132, 3.5.2011, p. 53.

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2011.

⁽³⁾ ĠU L 173, 12.7.2000, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 146, 30.4.2004, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 59, 27.2.1998, p.1.

- (6) Għalhekk, id-Direttiva 2000/25/KE għandha tiġi emendata kif inhu meħtieġ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2000/25/KE

Fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/25/KE, il-paragrafu li ġej huwa miżjud:

“9. Permezz ta’ deroga, id-dati mniżżla fil-punti (d) u (e) tal-paragrafu 2 u fil-paragrafu 3 għandhom, għat-tratturi tal-kategoriji T2, T4.1 u C2, kif definiti rispettivament fit-tieni inċiż tal-punt A.1 tal-Kapitolu A, fil-punt 1.1 tal-Parti I tal-Appendiċi I tal-Kapitolu B u fil-punt A.2 tal-Kapitolu A tal-Anness II tad-Direttiva 2003/37/KE u mgħammra b’magħni tal-kategoriji minn L sa R, għandhom jiġu posposti għal tliet snin. Sa dawn id-dati, għandhom ikomplu japplikaw il-ħtiġijiet tal-Istadju III A f’din id-Direttiva.”.

Artikolu 2

Disponibbiltà ta’ teknoloġija kompatibbli

Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta’ Diċembru 2014, tikkunsidra liema teknoloġija hija disponibbli li hi kapaċi tilħaq ir-rekwiżiti tal-Istadju IV u li hi kompatibbli mal-ħtiġijiet tal-kategoriji T2, T4.1 u C2, u tippreżenta, fejn xieraq, proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 3

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux aktar tard mid-9 ta’ Diċembru 2012, il-liġijiet, ir-regola-

menti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma’ din id-Direttiva. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta’ daww il-miżuri.

Meta l-Istati Membri jadottaw daww il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew inkella għandhom ikunu akkumpanjati b’referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif tali referenza trid issir.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta’ Novembru 2011.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

J. BUZEK

Għall-Kunsill

Il-President

W. SZCZUKA